C/2025/2009

30.4.2025

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-ikkompletar fiżiku tas-suq intern tal-UE fis-sitwazzjoni ġeopolitika l-ġdida

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2025/2009)

Relatur: **Päivi Elina WOOD**

Konsulenta	Tellervo KYLÄ-HARAKKA-RUONALA (għar-relatur)
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	24.10.2024
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adozzjoni fis-sezzjoni	5.2.2025
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	26.2.2025
Sessjoni plenarja Nru	594
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	208/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-konnessjonijiet tat-trasport huma kruċjali għall-ikkompletar u l-funzjonament tajjeb tas-suq uniku u l-politika tan-network trans-Ewropew (TEN-T) għandha titqies bħala element essenzjali għat-titjib tal-kompetittività globali, is-sigurtà u l-koeżjoni territorjali tal-UE. Is-sitwazzjoni ġeopolitika attwali tkompli tenfasizza r-rwol tat-trasport u l-loġistika. L-għan ta' din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja huwa li jiġi evalwat kif l-infrastruttura u l-konnessjonijiet tat-trasport għandhom jittejbu b'reazzjoni għas-sitwazzjoni l-ġdida u li qed tinbidel.

1.2. Il-KESE jenfasizza li n-networks tat-trasport għandhom dejjem jitqiesu fl-intier tagħhom, f'termini tad-diversi modi ta' trasport, b'attenzjoni speċifika għan-nodi bħall-portijiet u l-ajruporti li jippermettu l-multimodalità. Għalkemm huwa vitali li jiġi ffaċilitat it-trasport fil-partijiet ċentrali u l-aktar partijiet użati b'mod intensiv tan-network tat-trasport, huwa wkoll ta' importanza kruċjali li ż-żoni periferiċi jkollhom konnettività tajba u aċċess adegwat għas-suq uniku. Il-konsegwenzi tal-kriżijiet reċenti għall-konnettività fl-UE jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti u indirizzati sew.

1.3. Minbarra li tindirizza b'mod urġenti n-nuqqasijiet eżistenti fin-network tat-trasport, l-UE jeħtiġilha tiżgura li n-network ikun allinjat mal-ħtiġijiet il-ġodda tas-sigurtà ekonomika u ġeopolitika, inkluża dipendenza akbar fuq il-produzzjoni domestika u s-suq uniku, bl-għan li tittejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-materja prima, tal-komponenti u tal-prodotti. Barra minn hekk, il-KESE jitlob li ssir aktar enfasi fuq l-użu doppju tal-infrastruttura, kif ukoll li ssir ukoll ħidma flimkien man-NATO.

1.4. Il-kooperazzjoni u l-konnettività ma' pajjiżi terzi jeħtieġ li jiġu żviluppati wkoll, kemm għal skopijiet ta' esportazzjoni kif ukoll biex jippermettu d-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista u l-importazzjonijiet, u fl-istess ħin nipproteġu kontra r-riskji għas-sigurtà u jiġu rispettati l-istandards soċjali u ambjentali. Il-KESE jenfasizza r-rwol vitali tat-trasport biex jippermetti u jikkontribwixxi għal sħubijiet ma' pajjiżi tal-istess fehma kemm f'kontinenti oħra kif ukoll fil-viċinat tal-UE, b'attenzjoni speċifika għat-tkabbir tal-UE.

1.5. Il-KESE jqis li huwa kruċjali li jsiru aktar sforzi biex jittejbu r-reżiljenza u l-affidabbiltà tas-sistemi tat-trasport. L-ippjanar ta' kontinġenza msaħħaħ huwa meħtieġ biex ikun imħejji sew għall-ġestjoni ta' diversi tipi ta' riskji ibridi, inkluż it-theddid ċibernetiku u l-attakki fiżiċi fuq l-infrastruttura tat-trasport. Peress li t-trasport, l-enerġija u s-sistemi diġitali huma dejjem aktar interkonnessi, jeħtieġ li jiġu żviluppati b'mod kompatibbli, u s-sigurtà tal-infrastruttura kritika trid tiġi żgurata. Kif ukoll jiġu żgurati d-disponibbiltà u l-funzjonament tal-infrastruttura tal-fjuwil.

1.6. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni għall-impatti tas-sitwazzjoni ġeopolitika fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, u jappella għal investiment adegwat biex jinstabu modi kompetittivi biex jiġi żgurat aċċess sigur għat-teknoloġiji, l-enerġija u l-materja prima ewlenin meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur tat-trasport. Il-KESE jenfasizza wkoll il-ħtieġa urġenti għat-tħejjija u l-ġestjoni tal-konsegwenzi tal-kriżi klimatika fuq is-sistemi tat-trasport.

1.7. Il-KESE jqis li huwa imperattiv li fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss jiġi allokat livell adegwat ta' finanzjament għall-investiment fl-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport b'mod immirat sew, bl-ewwel objettiv ikun li n-Network Ewlieni TEN-T jitlesta sal-2030. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa li jmiss jeħtieġ li tkun iffukata fuq proġetti transfruntiera, kif ukoll fuq proġetti mmirati lejn it-tneħħija tal-konġestjonijiet u l-bini ta' konnessjonijiet neqsin fin-Network Ewlieni u fin-Network Komprensiv. Mill-perspettiva komprensiva tas-sigurtà, huwa importanti li jittejbu l-vitalità u l-konnessjonijiet tas-suq uniku tar-reġjuni tal-fruntiera tal-UE. Meta jiġu allokati l-finanzi, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati kemm il-benefiċċji fuq terminu qasir kif ukoll dawk fit-tul tal-infrastruttura tat-trasport, fosthom il-ġenerazzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi.

1.8. Sabiex tiġi żgurata sistema tat-trasport Ewropea li tibqa' valida fil-futur, il-KESE jappella għal kooperazzjoni intensiva bejn diversi atturi, kif ukoll analiżi komprensiva u strateġika dwar l-ostakli eżistenti fis-suq tat-trasport u l-konsegwenzi fit-tul tal-kriżijiet preċedenti għall-ktajjen tal-provvista, akkumpanjati mill-evalwazzjoni tad-domanda għal soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda u titjib amministrattiv biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-ħtiġijiet tal-iżvilupp.

1.9. Għandha tingħata wkoll attenzjoni xierqa lir-riżorsi umani meħtieġa fis-settur tat-trasport. Dan jitlob li jittieħdu passi biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, jissaħħu l-kompetenzi u l-ħiliet, u biex is-settur tat-trasport isir aktar attraenti.

2. **Sfond tal-Opinjoni**

2.1. L-ikkompletar tas-suq uniku jeħtieġ li jkun fuq quddiem fl-aġenda tal-UE u jeħtieġ azzjoni urġenti sabiex jiżdiedu l-kompetittività u l-prosperità tal-Ewropa. Il-politika tan-network trans-Ewropew (TEN-T) hija waħda mill-għodod ewlenin għall-kollegament bejn l-Istati Membri, in-negozji u ċ-ċittadini tal-UE biex tinħoloq iż-żona tas-suq uniku. Infrastruttura tat-trasport adegwata u s-servizzi tat-trasport relatati huma prerekwiżit għall-moviment liberu tal-persuni u tal-merkanzija, u eżempju konkret tal-valur tal-libertajiet tal-UE għaċ-ċittadini. L-infrastruttura diġitali hija konnessa b'mod integrali mal-infrastruttura tat-trasport u għalhekk jeħtieġ li tiġi żviluppata kif xieraq. It-trawwim ta' suq uniku aktar konness jippermetti aktar żidiet fil-kummerċ u jikkontribwixxi għall-kompetittività globali tal-UE.

2.2. In-networks tat-trasport għandhom ukoll rwol vitali mil-lat komprensiv tas-sigurtà, mis-sigurtà ekonomika għal dik militari. Il-loġistika hija fattur ewlieni fir-rigward tas-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista għall-prodotti industrijali u l-prodotti bażiċi ta' kuljum fis-suq uniku. Il-konnessjonijiet tat-trasport jippermettu wkoll il-kummerċ internazzjonali, li — flimkien mas-suq uniku — huwa meħtieġ għas-sigurtà ekonomika tal-UE. Barra minn hekk, l-infrastruttura tat-trasport tippermetti l-mobbiltà tal-persuni u tal-materjal għal skopijiet ta' difiża. Madankollu, l-infrastruttura tat-trasport innifisha hija vulnerabbli għar-riskji għas-sigurtà, inkluż kemm it-theddid fiżiku kif ukoll dak ċibernetiku.

2.3. Għalhekk, infrastruttura tat-trasport li tiffunzjona tajjeb, koerenti u sigura mhijiex meħtieġa biss għas-suq uniku, iżda hija wkoll kruċjali jekk l-UE trid tkun f'pożizzjoni aktar b'saħħitha fix-xena dinjija u żżid il-kapaċità tagħha li twieġeb għall-isfidi internazzjonali. It-tkabbir tal-UE huwa aspett ieħor li jenfasizza l-importanza tal-konnessjonijiet tat-trasport, fid-dawl tal-ħtiġijiet futuri ta' suq intern usa'.

2.4. Madankollu, għad hemm ħafna ostakli relatati mat-trasport li għandhom jitneħħew biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal mhux użat tas-suq uniku. Barra minn hekk, tfaċċaw sfidi u domandi ġodda minħabba l-bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni ġeopolitika u ġeoekonomika, li jirriżultaw, fost oħrajn, mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u ż-żieda f'diversi tipi ta' operazzjonijiet ibridi, il-frammentazzjoni tal-ekonomija u l-kummerċ globali, akkumpanjati minn żieda fil-protezzjoniżmu u l-kompetizzjoni għar-riżorsi kritiċi, kif ukoll il-konsegwenzi tal-impatti tal-pandemija fuq il-ktajjen tal-provvista u l-konnessjonijiet tat-trasport.

2.5. Huwa ta' importanza kbira li tittieħed l-azzjoni meħtieġa biex jiġu indirizzati kemm in-nuqqasijiet eżistenti tan-network tat-trasport tal-UE kif ukoll l-isfidi ġodda u li qed jikbru ppreżentati mis-sitwazzjoni ġeopolitika. Dan japplika wkoll għall-konnessjonijiet tat-trasport internazzjonali li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati kemm mil-lat ekonomiku kif ukoll mil-lat tas-sigurtà, bl-għan li jiġu ġestiti r-riskji ekonomiċi u ġeopolitiċi għas-sigurtà, waqt li jiġu appoġġjati sħubijiet ekonomiċi ġodda.

2.6. Irid jiġi rikonoxxut li l-Istati Membri ffaċċjaw is-sitwazzjoni ġeopolitika l-ġdida b'firxa ta' modi differenti fir-rigward tal-modi differenti tat-trasport, speċjalment fir-rigward tal-konnettività u l-aċċess għas-suq uniku, iżda wkoll f'termini ta' konnessjonijiet internazzjonali.

2.7. L-objettiv ta' din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja huwa li tevalwa kif is-sitwazzjoni ġeopolitika attwali qed taffettwa l-ħtiġijiet tal-konnettività fiżika tat-trasport fis-suq uniku u kif l-infrastruttura tat-trasport tal-UE għandha tiġi żviluppata b'reazzjoni għas-sitwazzjoni l-ġdida u li qed tinbidel. Barra minn hekk, l-Opinjoni tippreżenta miżuri ta' politika li jistgħu jwasslu għal titjib fil-prattika. Dan huwa partikolarment rilevanti u topiku issa, fil-bidu tal-mandat il-ġdid tal-istituzzjonijiet tal-UE.

3. **Ħtiġijiet ta' żvilupp fir-rigward tal-konnessjonijiet u l-infrastruttura tat-trasport tal-UE**

3.1. ***Network tat-trasport adattat għall-iskop tiegħu***

3.1.1. Hemm ħtieġa urġenti li jitlesta n-network TEN-T kif miftiehem mill-koleġiżlaturi, sabiex jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku u għall-kisba tal-objettivi tal-mobbiltà sostenibbli tal-UE, kif ukoll biex tissaħħaħ il-koeżjoni territorjali bejn l-Istati Membri.

3.1.2. Minħabba ż-żieda fir-riskji globali, huwa ferm importanti li l-UE tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, tal-materja prima, tal-komponenti u tal-prodotti, b'enfasi speċifika fuq il-materja prima kritika. Dan ifisser kemm id-diversifikazzjoni tas-sħubijiet esterni kif ukoll it-tisħiħ tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-UE stess, filwaqt li jiġi ffaċilitat ukoll l-aċċess għar-riżorsi domestiċi tal-enerġija u tal-materja prima, inkluż fl-Artiku u f'żoni oħra rikki fir-riżorsi naturali. Dan japplika għal varjetà wiesgħa ta' setturi, mill-produzzjoni primarja għal diversi setturi tal-industrija. In-networks tat-trasport tal-UE jridu jkunu kapaċi jwieġbu għal dawn l-iżviluppi u jipprovdu kundizzjonijiet aħjar għall-komodalità u l-użu ta' diversi modi ta' trasport, inkluż it-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija.

3.1.3. L-istess jgħodd għad-distribuzzjoni tal-prodotti. Dipendenza akbar fuq is-suq uniku tagħmilha imperattiva li jiġu ssemplifikati l-loġistika tal-merkanzija u l-konsenja ta' prodotti għall-konsumatur, u li jkun hemm adattament għal żviluppi ġodda fil-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista. Għalkemm huwa vitali li jiġi ffaċilitat it-trasport fil-partijiet ċentrali u l-aktar partijiet użati b'mod intensiv tan-network tat-trasport, huwa wkoll ta' importanza kruċjali li jiġi żgurat li n-network joffri konnettività tajba u aċċess adegwat għas-suq uniku liż-żoni periferali.

3.1.4. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm ħafna aktar enfasi fuq l-aspetti tas-sigurtà, inklużi l-ħtiġijiet tad-difiża, fil-qafas tal-politika tat-TEN-T u fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Għalhekk, il-pjan ta' azzjoni dwar il-mobbiltà militari għall-2022-2026 ([1]) irid jiġi implimentat sew, u tingħata attenzjoni kbira lill-iżviluppi li għaddejjin fiċ-ċirkostanzi ġeopolitiċi u lit-tħejjija għall-ħtiġijiet futuri.

3.1.5. In-network tat-trasport għandu dejjem jitqies fl-intier tiegħu, f'termini tad-diversi modi ta' trasport, b'attenzjoni speċifika għan-nodi li jippermettu l-multimodalità. Il-portijiet Ewropej, mit-Tramuntana għan-Nofsinhar u mil-Lvant għall-Punent, u l-konnessjonijiet tagħhom maż-żoni interni huma essenzjali għas-sikurezza, is-sigurtà u l-funzjonalità tas-soċjetajiet. Għalhekk jeħtieġ li jiġi evalwat — inkluż f'termini ta' politika ta' difiża — liema portijiet huma kritiċi, anke jekk mhumiex elenkati fin-Network Ewlieni jew Komprensiv stabbilit fir-Regolament TEN-T. L-istess loġika tapplika għall-avjazzjoni u l-ajruporti.

([1]) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52022JC0048.

3.2. ***Reżiljenza mtejba tas-sistemi tat-trasport***

3.2.1. Is-sitwazzjoni ġeopolitika prevalenti twassal għal enfasi qawwija fuq l-importanza tar-reżiljenza u l-affidabbiltà tas-sistemi tat-trasport tal-UE. Dan jirrikjedi wkoll li l-ippjanar ta' kontinġenza msaħħaħ jitħejja sew fir-rigward tad-diversi tipi ta' riskji u l-ġestjoni tagħhom.

3.2.2. It-theddid ċibernetiku u l-attakki fiżiċi fuq is-sistema tat-trasport jistgħu jikkawżaw tfixkil fil-modi kollha tat-trasport, u b'hekk għall-funzjonament tas-soċjetà kollha. Jeħtieġ li tiġi indirizzata ż-żieda fl-interferenza tal-GPS, b'mod partikolari fit-trasport marittimu u fl-avjazzjoni, biex jiġi evitat il-ħolqien ta' żoni fl-UE fejn ir-rekwiżiti tas-sikurezza ma jiġux issodisfati jew fejn il-kumpaniji ma jkunux jistgħu jew ma jkunux iridu jibqgħu joperaw. Il-konsegwenzi ekonomiċi taż-żoni "fejn l-aċċess mhuwiex rakkomandat" de facto (de facto "no-go" areas) fl-UE għall-operaturi tat-trasport ikunu wkoll eċċessivi għall-Istati Membri tal-UE u għall-operaturi ekonomiċi.

3.2.3. Peress li t-trasport, l-enerġija u s-sistemi diġitali huma dejjem aktar interkonnessi, jeħtieġ li jiġu żviluppati b'mod kompatibbli. Is-sigurtà tas-sistema tat-trasport trid titqies fil-kuntest ġenerali tal-infrastruttura kritika. Pereżempju, bl-elettrifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tat-trasport, hemm ħtieġa dejjem akbar li wieħed iħejji biex jiġġestixxi kemm l-interruzzjonijiet fil-provvista tal-elettriku kif ukoll l-attakki taċ-ċibersigurtà. Huwa importanti wkoll, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, li jkun hemm infrastruttura tal-fjuwil li tiffunzjona kif ukoll riżervi suffiċjenti.

3.2.4. Matul il-pandemija tal-COVID-19, il-ktajjen tal-provvista kienu f'riskju minħabba tfixkil fit-trasport internazzjonali, iżda wkoll minħabba l-għeluq tal-fruntieri interni fl-UE. Anke wara l-pandemija, xi Stati Membri sofrew minn tnaqqis ta' konnettività kemm fis-suq uniku kif ukoll internazzjonalment. Għalhekk hija meħtieġa tħejjija aħjar għal firxa ta' kriżijiet differenti, li tibni fuq l-esperjenza miksuba minn kriżijiet preċedenti, inkluż l-użu tad-djalogu soċjali biex jinstabu soluzzjonijiet.

3.2.5. Iċ-ċirkostanzi ġeopolitiċi għandhom ukoll impatt fuq l-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż fis-settur tat-trasport. It-tnaqqis gradwali tal-użu tal-fjuwils fossili, l-iżvilupp ta' fjuwils alternattivi, u t-tnaqqis tad-dipendenzi mill-importazzjonijiet eċċessivi u riskjużi jfisser sforzi intensivi biex jinstabu modi ġodda biex tiġi żgurata provvista sigura ta' teknoloġiji u materja prima ewlenin u aċċess għalihom li huma meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur tat-trasport. Dan jirrikjedi t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni domestika u l-infrastruttura tat-trasport relatata f'setturi bħall-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' minerali kritiċi, kif ukoll il-produzzjoni tal-idroġenu u l-bijofjuwils. Dan irid isir mingħajr ma titpoġġa f'riskju l-kompetittività tas-settur tat-trasport, iżda pjuttost billi din tissaħħaħ. Jeħtieġ ukoll li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-fjuwils meħtieġa għal skopijiet ta' difiża.

3.2.6. Il-kriżi klimatika toħloq ukoll riskji għas-sistemi tat-trasport, b'aktar għargħar, maltempati u fenomeni estremi oħra tat-temp li jaffettwaw l-infrastruttura. Għalhekk huma meħtieġa miżuri adegwati ta' tħejjija u adattament biex jirrispondu għall-impatti tal-kriżi klimatika, kif enfasizzat fir-rapport ta' Niinistö dwar it-tħejjija u l-preparazzjoni ċivili u militari tal-Ewropa ([2]).

3.3. ***Lil hinn mis-suq uniku***

3.3.1. Flimkien ma' konnessjonijiet li jiffunzjonaw tajjeb fl-UE, il-konnettività ma' pajjiżi terzi jeħtieġ li tissaħħaħ ukoll, b'mod li tipproteġi kontra r-riskji għas-sigurtà u tirrispetta l-istandards soċjali u ambjentali. B'reazzjoni għall-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ittieħdu aktar miżuri biex tittejjeb il-konnettività mal-Ukrajna u mal-Moldova bħala pajjiżi ġirien. Fis-sitwazzjoni ġeopolitika l-ġdida, huwa meħtieġ ukoll li jiġu żgurati konnessjonijiet sodi bejn l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi kandidati l-oħra kif ukoll il-pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea u r-Renju Unit.

3.3.2. L-iżviluppi ġeopolitiċi wasslu wkoll għal bidliet fis-sħubijiet ekonomiċi ma' pajjiżi f'kontinenti oħra, b'enfasi ġdida fuq il-kooperazzjoni ma' pajjiżi tal-istess fehma. Dan jeħtieġ l-iżvilupp ta' konnessjonijiet tat-trasport internazzjonali adegwati. Minbarra t-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista permezz tad-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista, huwa importanti wkoll li jiġu ssalvagwardjati konnessjonijiet adegwati għal skopijiet ta' esportazzjoni. Jeħtieġ li jinstabu wkoll soluzzjonijiet ġodda b'reazzjoni għat-tnaqqis fil-konnettività li rriżulta mis-sanzjonijiet kontra r-Russja, bħall-projbizzjonijiet fuq l-użu tal-ispazju tal-ajru għal titjiriet li jgħaddu minn fuq it-territorju.

([2]) https://commission.europa.eu/document/5bb2881f-9e29-42f2-8b77-8739b19d047c_en.

3.3.3. Il-promozzjoni ta' pożizzjoni aktar b'saħħitha għall-atturi Ewropej fit-trasport globali hija mod wieħed kif tittejjeb is-sigurtà ekonomika ġenerali tal-UE. Għal dan l-għan, jeħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwivalenti għan-negozji tas-servizzi tat-trasport fuq distanzi twal, li huma meħtieġa jimmaniġġjaw aktar riskji u jiffaċċjaw kostijiet oħla, b'mod partikolari fl-avjazzjoni u t-trasport marittimu. Kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-industrija tal-manifattura tal-Ewropa, fosthom l-industriji tal-bini tal-bastimenti u tal-inġenji tal-ajru, jgħinu wkoll biex tissaħħaħ l-influwenza globali tal-UE fis-settur tat-trasport.

3.3.4. Is-sħubijiet fir-rigward tal-infrastruttura tat-trasport fil-qafas tal-Global Gateway huma mod ieħor kif jissaħħaħ ir-rwol tal-UE globalment u tiġi estiża l-konnettività man-network TEN-T.

4. **Miżuri ta' politika abilitanti**

4.1. ***Allokazzjoni ta' finanzjament immirata sew***

4.1.1. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss se jkollhom rwol ewlieni biex jiġi żgurat li s-sistema tat-trasport fl-intier tagħha tippromovi l-konnettività fis-suq uniku u tappoġġja l-kompetittività, is-sigurtà u s-sostenibbiltà. L-investimenti fl-infrastruttura m'għandhomx jitqiesu biss minn perspettiva ta' terminu qasir, iżda għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-effetti multiplikaturi fit-tul.

4.1.2. Ir-rwol tat-trasport jeħtieġ li jiġi rikonoxxut aħjar bħala element kruċjali fil-kisba tal-għanijiet strateġiċi tal-UE. Għaldaqstant, fil-QFP li jmiss, irid ikun disponibbli livell adegwat ta' finanzjament biex iwieġeb għall-ħtiġijiet ta' investiment fl-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trasport, l-ewwel nett bl-objettiv li n-Network Ewlieni tat-TEN-T jitlesta sal-2030.

4.1.3. Biex tappoġġja programmi li jirriflettu l-prijoritajiet strateġiċi tal-UE, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa li jmiss jeħtieġ li tkun iffukata fuq proġetti transfruntiera, kif ukoll fuq proġetti mmirati lejn it-tneħħija tal-konġestjonijiet u l-ħolqien ta' konnessjonijiet neqsin fin-Network Ewlieni u fin-Network Komprensiv.

4.1.4. Minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika, jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni lill-aspetti tas-sigurtà, bħar-rekwiżiti fir-rigward tal-mobbiltà militari u l-użu doppju tal-infrastruttura. Għal raġunijiet ta' sigurtà, is-sitwazzjoni fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE trid tiġi rikonoxxuta fil-QFP li jmiss, inkluż f'termini ta' infrastruttura tat-trasport biex jissaħħu r-reżiljenza u l-vitalità ta' dawn ir-reġjuni u l-konnessjonijiet tagħhom mas-suq uniku.

4.1.5. Il-finanzjament meħtieġ biex jitlesta n-network TEN-T u tiġi żviluppata l-infrastruttura tat-trasport tal-UE huwa konsiderevoli. Madankollu, l-investimenti fl-infrastruttura se jiġġeneraw tkabbir u impjiegi fuq medda qasira u twila ta' żmien. Minbarra l-finanzjament pubbliku, għandha ssir aktar enfasi fuq it-tnaqqis tad-diskrepanzi finanzjarji billi jissaħħu sħubijiet pubbliċi-privati biex tinbena infrastruttura ġdida kif ukoll biex tinżamm u tiġi ġestita l-infrastruttura eżistenti għall-benefiċċju ta' kulħadd. Strumenti ġodda bħall-bonds tal-proġetti jistgħu jiġu kkunsidrati għal dan l-għan.

4.2. ***Kooperazzjoni u analiżi strateġika***

4.2.1. Sabiex tiġi evitata taħlita ta' sistemi differenti, l-iżvilupp tas-sistemi tat-trasport jeħtieġ kooperazzjoni f'għadd ta' livelli: bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri, bejn l-Istati Membri, u bejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Barra minn hekk, dan jirrikjedi kooperazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-konnessjonijiet tat-trasport barranin. Fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' sigurtà, inkluża l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, għandu jsir użu sħiħ mis-sħubija strateġika u l-kooperazzjoni strutturata man-NATO.

4.2.2. Hija meħtieġa wkoll kooperazzjoni mill-qrib bejn is-settur pubbliku u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi n-negozji, it-trade unions u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili. Trid tingħata attenzjoni xierqa lir-riżorsi umani meħtieġa fis-settur tat-trasport. Dan jitlob li jittieħdu passi biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, jissaħħu l-kompetenzi u l-ħiliet u s-settur tat-trasport isir aktar attraenti.

4.2.3. Sabiex jiġi żgurat li s-settur tat-trasport ikun adatt għall-futur, huwa meħtieġ investiment robust fl-innovazzjoni u fit-teknoloġiji ġodda. Jeħtieġ li l-kurituri tat-trasport jibqgħu jiġu kkunsidrati bħala qasam importanti biex jiġu ttestjati soluzzjonijiet futuri.

4.2.4. It-tnaqqis tal-piż amministrattiv, f'konformità mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni, jeħtieġ li jiġi rifless ukoll fis-settur tat-trasport. Il-proċessi amministrattivi relatati mal-iżvilupp tal-infrastruttura tat-trasport jeħtieġ li jiġu ssemplifikati, inkluż l-ippjanar tal-użu tal-art u l-proċeduri għall-għoti ta' permessi, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-proġetti. Il-mixja lejn ippjanar tat-trasport aktar ikkoordinat, prinċipji komuni, tnaqqis tal-frammentazzjoni kif ukoll qafas ta' ppjanar għal kull perjodu ta' sitt snin għandhom jiġu investigati aktar.

4.2.5. Fit-tħejjija għal strateġija ġdida għas-suq uniku, il-Kummissjoni għandha tevalwa kif ittejjeb is-sistemi tat-trasport madwar l-UE, sabiex tiżgura l-ktajjen tal-provvista f'setturi kritiċi u vulnerabbli, kemm f'sitwazzjonijiet regolari kif ukoll f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali. Din l-evalwazzjoni trid tkopri ż-żoni ġeografiċi kollha tal-UE, inklużi l-gżejjer u ż-żoni remoti.

4.2.6. Analiżi komprensiva tal-ostakli ewlenin fis-suq tat-trasport f'kull Stat Membru hija meħtieġa biex tingħeleb il-frammentazzjoni prevalenti. Jeħtieġ li titwettaq analiżi tajba biex jiġu evalwati l-konsegwenzi fit-tul tal-COVID-19 fuq it-trasport u l-ktajjen tal-provvista. Huwa meħtieġ ukoll li jiġu vvalutati l-impatti tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fuq il-modi kollha tat-trasport biex jiġu rikonoxxuti problemi ġodda possibbli fil-konnettività ta' żoni differenti fl-UE u biex dawn jiġu indirizzati sew. L-analiżi trid tkopri l-avjazzjoni, il-ferroviji, il-passaġġi fuq l-ilma interni, u r-rotot tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra, kif ukoll it-toroq li jgħaqqdu n-nodi urbani, il-portijiet marittimi u interni, l-ajruporti u t-terminals, u reġjuni differenti tal-UE. L-evalwazzjoni jeħtieġ ukoll li tqis l-impatt fuq il-koeżjoni interna u l-konnettività bejn l-Istati Membri.

Brussell, is-26 ta' Frar 2025.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE